MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GEOFFREY VALENZIA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 293/2004

**HSBC Bank Malta p.l.c.**

**Vs**

**Alan Borg**

**Il-Qorti.**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici premettiet:

Peress illi l-konvenut jinsab debitur versu l-bank attur fis-somma ta' hamest elef, erba' mija u sitta u tletin lira u tlett centezmi (Lm5,436.03) rapprezentanti in kwantu ghal Lm5,079.75 bilanc minn somma akbar flus mislufa mill-bank attur lill-konvenut fuq facilita' ta' *overdraft* liema

debitu gie sussegwentement rapportat taht kont numru 075-084079-340 meta l-facilita' giet kristallizzata f'dejn u in kwantu ghal Lm356.28 imghax dovut sas-17 ta' Gunju, 2003 (Dok A).

Peress li l-konvenut nonostante li gie nterpellat sabiex ihallas baqa' inadempjenti.

Peress illi dan il-kreditu huwa wiehed cert, likwidu u dovut u fil-fehma tal-bank attur il-konvenut m'ghandux eccezzjonijiet xi jressaq kontra t-talbiet attrici.

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:-

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispenza mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-bank attur is-somma fuq imsemmija ta' Lm5,436.03.

Bl-imghax legali mit-18 ta' Gunju, 2003 sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-24 ta' Gunju, 2002 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba kif dedotta fic-citazzjoni;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici kif dedotta fic-citazzjoni bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------